Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2025/2004

30.4.2025

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Valutazzjoni tar-rapporti ta' Letta u ta' Draghi dwar il-funzjonament u l-kompetittività tas-suq uniku tal-UE

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(C/2025/2004)

Relatur: **Matteo Carlo BORSANI**

Relatur: **Giuseppe GUERINI**

Relatur: **Stefano PALMIERI**

Konsulenti	Eleonora TRENTO (għar-relatur Matteo Carlo BORSANI) Samuel CORNELLA (għar-relatur Giuseppe GUERINI) Marco CILENTO (għar-relatur Stefano PALMIERI)
Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	11.7.2024
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adozzjoni fis-sezzjoni	12.2.2025
Adozzjoni fis-sessjoni plenarja	26.2.2025
Sessjoni plenarja Nru	594
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	222/2/6

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) japprova s-sejħa li saret fir-rapporti ta' Draghi u ta' Letta dwar il-ħtieġa li tittieħed azzjoni urġenti biex tiżdied il-kompetittività tal-ekonomija Ewropea, u li tiġi abbandunata l-illużjoni li l-prokrastinazzjoni biss tista' tippreżerva l-kunsens.

1.2. Għalhekk huwa kruċjali li titkompla l-ħidma biex jitlesta s-suq uniku, u li fl-istess waqt din tiġi estiża għas-settur finanzjarju, tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u dak tal-enerġija, u li jissaħħaħ is-settur tas-servizzi.

1.3. L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri għandhom jinvolvu ruħhom f'dibattitu xieraq dwar ir-regoli fundamentali tal-UE u dwar l-adegwatezza tat-Trattati fir-rigward tal-isfidi attwali, li jirrikjedu ħsieb u azzjoni rapidi.

1.4. Il-KESE jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jipproċedu bit-tlestija tas-suq uniku, u jżommu enfasi kbira fuq is-sostenibbiltà ambjentali, il-koeżjoni soċjali u l-koeżjoni territorjali, waqt li jirrikonoxxuhom bħala fatturi ta' kompetittività.

1.5. Il-KESE jappoġġja s-sejħa ta' Draghi u ta' Letta li huwa kruċjali li l-ekonomija Ewropea, bil-valuri u r-regoli tagħha, terġa' tikseb il-kompetittività billi ssaħħaħ ir-rilevanza internazzjonali.

1.6. Il-KESE jħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE jadottaw politika industrijali li tista' tegħleb l-approċċ frammentat attwali ta' pluralità ta' politiki industrijali nazzjonali li mhux dejjem ikunu kkoordinati. It-taħlita dinamika meħtieġa ta' miżuri fiskali, regolatorji, kummerċjali/doganali u inċentivi finanzjarji għall-benefiċċju tas-suq uniku tista' tiġi proposta b'mod kredibbli biss permezz ta' sforz kollettiv.

1.7. Il-KESE jtenni l-importanza li jitnaqqsu l-burokrazija u l-kostijiet ta' konformità għan-negozji permezz ta' regolamentazzjoni aħjar u semplifikazzjoni amministrattiva effettiva. It-tisħiħ tal-analiżi tal-impatt regolatorju u l-kontroll tal-kompetittività jkunu utli ħafna f'dan ir-rigward biex jiġu appoġġjati l-intraprenditorija u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba kif ukoll tkabbir ekonomiku sostenibbli u koeżjoni soċjali.

1.8. Il-KESE jappella għal għażliet regolatorji li għandhom l-għan li jnaqqsu l-prezzijiet tal-enerġija u, fuq kollox, id-differenza fil-prezzijiet bejn l-Istati Membri u bejn l-Ewropa u ekonomiji oħra. F'dan ir-rigward, jappella għal użu akbar tal-kuntratti għal differenza u diżakkoppjament tal-prezz tal-enerġija rinnovabbli u ta' forom oħra ta' enerġija b'livell baxx ta' karbonju mill-prezz aktar volatili tal-enerġija fossili. Huma meħtieġa u mixtieqa wkoll aktar investimenti fis-settur tal-enerġija rinnovabbli kif ukoll f'forom oħra ta' enerġija b'livell baxx ta' karbonju.

1.9. Il-KESE jappoġġja l-ħtieġa ta' evalwazzjoni bir-reqqa tal-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (CBAM) innifsu u jħeġġeġ lil-leġiżlaturi tal-UE jesploraw modi xierqa biex jindirizzaw l-esportazzjoni u l-importazzjoni b'mod li l-industrija tal-UE tkun tista' tibqa' kompetittiva fis-swieq internazzjonali.

1.10. Il-KESE jinnota li l-azzjonijiet proposti mir-rapporti ta' Draghi u ta' Letta jirrikjedu sensiela kbira ta' investimenti, u għalhekk jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej jirriflettu dwar il-possibbiltà li joħorġu assi sikuri komuni, kif sar b'rispons għall-pandemija.

1.11. Filwaqt li l-UE dejjem trid tkun promotur tal-paċi f'konformità ma' kunċett ta' sigurtà mhux militari biss, il-KESE jinnota li l-kundizzjonijiet ġeopolitiċi li qed jinbidlu jirrikjedu l-implimentazzjoni ta' politika ta' difiża Ewropea flimkien ma' politika barranija komuni aktar b'saħħitha. Se jkun meħtieġ ukoll aktar investiment fid-difiża permezz ta' strumenti ta' finanzjament ġodda biex jittejjeb il-livell ta' żvilupp teknoloġiku fis-settur.

1.12. Il-KESE jixtieq jara riflessjoni mġedda dwar il-beni pubbliċi Ewropej biex ikunu jistgħu jiġu identifikati l-prijoritajiet ewlenin għall-futur tal-UE. Il-provvista ta' dawn il-beni hija marbuta ma' fatturi ekonomiċi, istituzzjonali u politiċi, u għalhekk garanzija fil-livell Ewropew iġġib valur miżjud meta mqabbla mal-pluralità ta' approċċi nazzjonali.

2. **Introduzzjoni u sfond**

2.1. Il-KESE japprezza r-rapporti ta' Draghi u ta' Letta għall-firxa tal-kwistjonijiet li jindirizzaw u l-kuraġġ li jressqu proposti ambizzjuż. Iż-żewġ dokumenti jibnu fuq analiżi ġenerali u mbagħad jipproċedu għal eżami dettaljat tal-proposti li għandhom jiġu stabbiliti biex jissaħħu s-suq uniku u l-kompetittività tal-UE. F'dan ir-rigward, il-KESE beħsiebu janalizza l-aktar kwistjonijiet urġenti indirizzati fiż-żewġ rapporti.

2.2. Fl-ewwel parti tar-rapport, il-KESE jidentifika l-aktar investimenti urġenti f'oqsma differenti, waqt li fit-tieni parti jappella lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet Ewropej biex jadottaw kunċett ta' kompetittività li jqis id-dimensjoni soċjali tiegħu u li jinkludi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Għal dan l-għan, il-KESE jissottolinja l-importanza li jiġi appoġġjat l-investiment fl-infrastruttura soċjali, waqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tas-Summit ta' Val Duchesse, li ġedded l-impenn Ewropew għad-djalogu soċjali u l-importanza tiegħu għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u d-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe.

2.3. Il-KESE jissottolinja li l-UE għandha quddiemha għażla strateġika ewlenija: li ssawwar b'mod attiv it-trasformazzjoni ekonomika globali permezz ta' żieda sinifikanti fil-kompetittività tagħha jew inkella tippreżerva r-riżultati tal-passat, waqt li tiżgura li l-impenji preċedenti tal-UE dwar is-sostenibbiltà u l-klima jiġu rispettati.

2.4. F'konformità mar-rapporti ta' Letta u ta' Draghi, il-KESE għalhekk jitlob li tittieħed azzjoni rapida u b'urġenza estrema, u jistieden lill-koleġiżlaturi jipproċedu biex jagħmlu dan.

3. **Is-suq intern u l-futur tiegħu**

3.1. Il-KESE jaqbel mar-rapporti ta' Letta u ta' Draghi li s-suq uniku huwa wieħed mill-kisbiet tekniċi u politiċi ewlenin tal-proċess ta' integrazzjoni Ewropea. Madankollu, il-forma oriġinali tiegħu għandha tiġi adattata għax-xenarju ġeopolitiku li sadanittant żviluppa u għax-xejriet demografiċi tal-UE, bil-forza tax-xogħol tagħha mistennija tonqos b'2 miljun ħaddiem fis-sena sal-2040. Minħabba r-rwol ċentrali tal-infurzar adegwat tar-regoli tas-suq uniku, il-KESE jixtieq ikun involut direttament fit-Task Force għall-Infurzar fis-Suq Intern.

3.2. Il-KESE jqis ukoll li huwa essenzjali li titkompla l-ħidma għat-tlestija ulterjuri tas-suq uniku, l-estensjoni tiegħu għas-settur finanzjarju, tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u dak tal-enerġija, kif ukoll it-tisħiħ tas-settur tas-servizzi li għadu qed jiffaċċja ħafna ostakli f'dik li hija integrazzjoni.

3.3. Suq uniku aktar b'saħħtu u aktar integrat se jġib benefiċċji ekonomiċi u soċjali. Għalhekk, il-KESE jemmen li l-proposti li saru fiż-żewġ rapporti biex jissaħħu s-suq uniku u l-munita komuni Ewropea jridu jkunu akkumpanjati minn politiki fiskali, soċjali u ambjentali li jiżguraw li l-benefiċċji jakkumulaw għaċ-ċittadini u l-ħaddiema kollha tal-UE.

3.4. Kemm ir-rapport ta' Draghi kif ukoll, b'mod aktar impliċitu, ir-rapport ta' Letta jipprevedu sħubija mġedda bejn l-Istati Membri tal-UE. Dan jindika l-ħtieġa ta' dibattitu dwar ir-regoli fundamentali tal-UE u l-adegwatezza tat-Trattati attwali fid-dawl tal-azzjonijiet ambizzjużi ssuġġeriti fiż-żewġ rapporti, li minnhom ittieħdu wkoll xi indikazzjonijiet mill-ittri ta' missjoni lill-Kummissarji l-ġodda.

3.5. Madankollu, il-KESE jemmen li l-implimentazzjoni taż-żewġ rapporti ta' Draghi u ta' Letta tista' tkun ta' sfida għall-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika Ewropea (il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir riformat), fil-każi fejn dan il-qafas iwassal għal restrizzjonijiet baġitarji li s'issa setgħu kienu restrittivi wisq, kif indikat mill-Bord Fiskali Ewropew ([1]).

3.6. Il-KESE jappoġġja l-appell tar-rapport ta' Letta għal suq uniku li jippromovi s-sostenibbiltà ambjentali u l-prosperità ekonomika, kif ukoll l-appell tar-rapport ta' Draghi biex l-ambizzjonijiet Ewropej dwar is-sostenibbiltà jsiru element ta' kompetittività ([2]). Il-KESE ilu għal ħafna snin jappoġġja t-tranżizzjoni minn ekonomija lineari għal waħda ċirkolari u r-rwol tas-soċjetà ċivili f'dan il-kuntest ([3]).

4. It-tmexxija globali tal-UE

4.1. Il-KESE jaqbel mal-importanza li l-UE fil-preżent tinvolvi ruħha ekonomikament mhux biss mal-Istati Uniti, iżda wkoll ma' ekonomiji emerġenti bħaċ-Ċina u l-Indja, f'kuntest internazzjonali aktar kumpless minn dak wara l-ewwel tnedija tas-suq uniku. F'dan ir-rigward, ir-rapport ta' Draghi jiddeskrivi tliet oqsma ta' azzjoni essenzjali: (i) il-ħtieġa ta' kompetizzjoni fit-"tellieqa" globali, biex jitnaqqas id-distakk fl-innovazzjoni; (ii) l-importanza li jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi fuq il-ktajjen tal-provvista mhux tal-UE; u (iii) il-kapaċità tal-UE li taġixxi b'mod tassew magħqud.

4.2. Fid-dawl ta' dan, il-KESE jenfasizza l-importanza ta' aġenda kummerċjali ambizzjuża tal-UE u ta' kooperazzjoni tal-UE mal-imsieħba globali.

4.3. Il-KESE jappoġġja s-sejħa ta' Draghi u ta' Letta li huwa kruċjali li l-ekonomija Ewropea, bil-valuri u r-regoli tagħha, terġa' tikseb il-kompetittività billi ssaħħaħ ir-rilevanza internazzjonali, minkejja l-iżvilupp rapidu u kontinwu ta' blokok kummerċjali ewlenin barra mill-Ewropa u ż-żieda inkwetanti fit-tensjonijiet ġeopolitiċi.

4.4. L-Unjoni Ewropea għandha tkompli taqdi rwol ewlieni fir-rigward tat-temi tat-tibdil fil-klima, it-tniġġis u t-telf tal-bijodiversità.

4.5. F'dan il-kuntest, il-KESE jemmen li l-UE ma għandhiex tieqaf tkun vettur ta' paċi u demokrazija ([4]), u għandha tgħin biex jinstabu bilanċi globali ġodda u ssegwi kemm rwol aktar b'saħħtu għall-euro fl-ekonomija dinjija kif ukoll kapaċità akbar li titkellem b'vuċi waħda fil-politika barranija. Il-KESE jitlob li tiġi esplorata l-possibbiltà li tintuża l-votazzjoni b'maġġoranza f'dan il-qasam.

4.6. Il-KESE jwissi kontra riskji ta' frammentazzjoni tal-governanza globali u r-riskju ta' żieda fit-tariffi kummerċjali. Il-kriżi tal-kapaċità li jinbnew relazzjonijiet internazzjonali produttivi tissogra li tixpruna tellieqa lejn il-vantaġġ kompetittiv, li tista' żżid it-tensjonijiet u l-kunflitti billi thedded il-paċi, il-valuri demokratiċi u l-ilħuq tal-objettivi soċjali u ambjentali. Il-KESE jemmen ukoll li l-kisba ta' paċi stabbli u dejjiema fid-dinja tiddependi wkoll mit-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tal-abitanti tagħha, f'konformità mas-sostenibbiltà prevista fl-Aġenda 2030 tan-NU.

([1]) Il-Bord Fiskali Ewropew, 2024, *Annual Report 2024* (Rapport Annwali 2024 [mhux disponibbli bil-Malti]).
([2]) ĠU C, C/2024/6877, 28.11.2024, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2024/6877/oj.
([3]) Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew stabbilew b'mod konġunt il-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari.
([4]) Minquxa fit-Trattati tagħha u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

5. **Il-politika industrijali tal-UE**

5.1. Il-KESE japprezza li r-rapport ta' Draghi jidentifika rabta qawwija bejn il-kompetittività industrijali u s-sostenibbiltà tal-mudell soċjali Ewropew, bħala aspett li tabilħaqq iwaħħad il-proċess ta' integrazzjoni u valur fundamentali tal-UE.

5.2. Il-KESE jaqbel mas-sejħa ta' Draghi għal politika industrijali li tista' tegħleb l-approċċ frammentat attwali ta' politiki industrijali nazzjonali multipli li mhux dejjem ikunu kkoordinati. It-taħlita dinamika ta' miżuri fiskali, regolatorji, kummerċjali/doganali u inċentivi finanzjarji li tikkaratterizza l-politiki industrijali l-aktar reċenti tal-Istati Uniti u ċ-Ċina tista' tiġi proposta b'mod kredibbli biss għall-benefiċċju tas-suq uniku permezz ta' sforz Ewropew organiku. Dan għandu jsir permezz ta' semplifikazzjoni tal-inizjattivi leġiżlattivi sabiex ikunu aktar immirati mill-aspett kwalitattiv biex jiġu vvalutati l-impatti fuq in-negozji Ewropej u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità.

5.3. Il-KESE jemmen li l-investiment Ewropew attwali u mnaqqas fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' adozzjoni ta' teknoloġiji avvanzati, jistgħu, tal-inqas parzjalment, jiġu rimedjati b'investiment pubbliku akbar u mtejjeb (skont Draghi, Orizzont Ewropa huwa frammentat wisq fl-objettivi tiegħu). Għalhekk, il-KESE jappoġġja s-sejħa tar-rapport biex l-investiment ikun ikkonċentrat f'oqsma b'potenzjal għoli ta' tkabbir u biex: (i) isiru sforzi ffukati u kkoordinati; (ii) tiġi ddefinita strateġija industrijali effettiva bbażata fuq ir-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni teknoloġika; u (iii) jiġu appoġġjati sħubijiet industrijali billi jissaħħu strumenti ewlenin bħal proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni (IPCEI).

5.4. Fil-qasam tal-amalgamazzjonijiet, il-KESE jappoġġja l-approċċ ġenerali deskritt fir-rapport ta' Draghi, li jipproponi li jinstab bilanċ ekwilibrat bejn il-politika tal-kompetizzjoni u l-politika industrijali, inkluż billi tingħata prominenza adegwata lil fatturi strateġiċi bħall-innovazzjoni u l-kompetizzjoni futura jew potenzjali, inkluż fil-livell internazzjonali. Sabiex jiġi ffaċilitat dan l-approċċ, f'konformità mar-rapport ta' Draghi, il-KESE jemmen li ma hemmx bżonn li jiġi emendat ir-Regolament Ewropew dwar l-Għaqdiet, iżda pjuttost li jiġu aġġornati l-linji gwida tal-Kummissjoni. F'dan il-kuntest, il-KESE jitlob li titqies b'attenzjoni kbira l-possibbiltà ta' amalgamazzjonijiet f'oqsma strateġiċi għas-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE (it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u t-teknoloġiji b'użu doppju).

5.5. Fir-rigward tal-Artikolu 101 tat-TFUE, il-KESE jirrikonoxxi l-importanza li jingħataw giwda ċara u mudelli għall-ftehimiet ta' kooperazzjoni orizzontali bejn n-negozji tal-UE, kif propost mir-rapport ta' Draghi, sabiex jiġu ffaċilitati l-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp, it-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà u inizjattivi strateġiċi oħrajn.

6. **Il-qafas regolatorju tal-UE**

6.1. F'konformità ma' għadd ta' pożizzjonijiet li diġà ttieħdu, il-KESE jtenni l-importanza li jitnaqqsu l-piż burokratiku u l-kostijiet ta' konformità għan-negozji kollha li jirriżultaw mir-regolamentazzjoni Ewropea u nazzjonali, sabiex tingħata spinta lill-produttività u 'l-kompetittività tagħhom permezz ta' regolamentazzjoni aħjar u simplifikazzjoni amministrattiva effettiva.

6.2. Il-KESE jittama li tiġi implimentata l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li l-piż tar-rapportar fuq in-negozji jitnaqqas b'25 %, li l-ambitu tal-miżura jiġi estiż biex jinkludi l-burokrazija fis-sens wiesa', u li tiġi stabbilita mira ta' mill-inqas 50 % għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), mingħajr ma jiġi pperikolat l-impenn tas-settur privat li jallinja l-attivitajiet ekonomiċi tiegħu mal-objettivi ambjentali, soċjali u tal-kompetittività komuni.

6.3. Għalhekk nilqgħu s-sejħa li saret f'dan ir-rigward mir-rapport ta' Draghi, li jindika li l-piż burokratiku jaffettwa ħażin b'mod partikolari lill-SMEs. F'dan ir-rigward, huwa utli li tissaħħaħ l-analiżi tal-impatt tal-miżuri futuri, inkluż permezz ta' simulazzjonijiet preliminari appoġġjati minn evidenza ekonometrika u kwantitattiva. Fid-dawl ta' dan, il-KESE jappoġġja wkoll l-idea li jsir kontroll tal-kompetittività qabel tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni futura tal-UE jew tibdil sostanzjonali u emenda li jsiru matul il-proċedura leġiżlattiva, biex b'hekk jiġu appoġġjati l-intraprenditorija u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, it-tkabbir ekonomiku sostenibbli u l-koeżjoni soċjali.

6.4. Il-KESE jissuġġerixxi l-iżvilupp ta' tekniki ta' leġiżlazzjoni tajba li jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà li jsaħħu r-rwol tad-djalogu soċjali u l-involviment tal-imsieħba soċjali u tas-soċjetà ċivili. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni Ewropea ma għandhiex tkun raġuni biex il-gvernijiet nazzjonali jnaqqsu l-protezzjoni tal-ħaddiema, iżda pjuttost għandha ssaħħaħ id-dinjità tax-xogħol permezz tad-drittijiet u s-salvagwardji, tippromovi l-konverġenza u ttejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol taċ-ċittadini Ewropej, anke fid-dawl tal-evoluzzjoni rapida fl-użu ta' teknoloġiji ġodda.

7. **Unjoni bankarja u tas-swieq kapitali**

7.1. Il-KESE jfakkar fl-importanza strateġika tal-Unjoni tas-swieq kapitali (imnedija fl-2015), waqt li jtenni r-referenza ripetuta tiegħu għall-ħtieġa li titlesta l-Unjoni Bankarja u fl-istess ħin jiġi żgurat li l-faddala ż-żgħar jiġu protetti u li jiġi rispettat it-tfaddil għall-pensjoni ([5]).

7.2. Hemm ukoll il-ħtieġa ta' ħidma lejn suq Ewropew tal-kapital ta' riskju aktar komplut. Dak li hemm fil-preżent (5 % globalment) lanqas biss jista' jitqabbel ma' dak tal-Istati Uniti (50 % globalment) jew taċ-Ċina (40 % globalment), bir-riżultat li l-innovaturi Ewropej jiffaċċjaw diffikultajiet oġġettivi fil-fażi tal-bidu u tal-espansjoni biex jesportaw il-proġetti tagħhom barra mill-UE.

8. **Unjoni tal-enerġija**

8.1. Il-KESE jittama li l-għażliet regolatorji li għandhom l-għan li jnaqqsu l-prezzijiet tal-enerġija, li bħalissa huma ogħla fl-Ewropa milli f'ekonomiji oħra, jikkostitwixxu żvantaġġ kompetittiv. Ir-raġunijiet għal din is-sitwazzjoni mhux favorevoli mhumiex biss attribwibbli għan-nuqqas magħruf ta' riżorsi naturali fl-UE, iżda wkoll: (i) ir-ritmu kajman ta' ċerti investimenti strateġiċi fl-enerġija nadifa; (ii) l-eżistenza ta' regoli tat-taxxa mhux ottimali; u (iii) funzjonament tas-suq tad-derivattivi li jista' jrawwem il-volatilità (Draghi). Barra minn hekk, kif jindika Letta, in-nuqqas ta' integrazzjoni sħiħa tas-swieq tal-enerġija, li jnaqqas il-kostijiet tal-aċċess u jippromovi l-investiment, huwa fattur ta' penalizzazzjoni ulterjuri.

8.2. Għalhekk, iż-żewġ rapporti jipproponu li tingħata aktar prominenza lill-benefiċċji tal-enerġija rinnovabbli u ta' forom oħra ta' enerġija ħielsa mill-fjuwils fossili, b'mod partikolari permezz ta' kuntratti għal differenza u d-diżakkoppjament tal-prezz tal-enerġija rinnovabbli minn dak tal-enerġija fossili, li huwa magħruf li huwa aktar volatili.

8.3. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tappoġġja l-investimenti fl-enerġija rinnovabbli u tevalwa l-opportunità biex tappoġġja investiment f'forom oħra ta' enerġija ħielsa mill-fjuwils fossili, u timplimenta miżuri konkreti biex tiżgura li s-sehem tad-dħul mis-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) allokat lill-Istati Membri (bħalissa madwar 75 %) jiġi investit fi proġetti ta' dekarbonizzazzjoni, bħal, pereżempju, l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet għall-qbid, l-użu u l-ħżin tal-karbonju (CCUS) u l-produzzjoni u l-użu bikri tal-idroġenu.

8.4. Iż-żewġ rapporti jissottolinjaw l-importanza tas-CBAM biex jissalvagwardja l-industrija Ewropea mir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u d-dumping ambjentali, iżda jenfasizzaw ukoll xi problemi. Ir-rapport ta' Letta jenfasizza l-ħtieġa ta' valutazzjoni tar-riskju bir-reqqa ta' telf tal-kompetittività tal-industrija Ewropea, inkluż permezz ta' rieżami tal-ambitu tagħha. Ir-rapport ta' Draghi, min-naħa l-oħra, iqajjem dubji dwar is-suċċess fih innifsu tas-CBAM, waqt li jenfasizza l-kumplessità eċċessiva tal-miżura, li toħloq piż amministrattiv enormi għan-negozji u r-riskju ta' implimentazzjoni frammentata mill-Istati Membri.

8.5. Il-KESE jaqbel mal-proposta fir-rapport ta' Letta li tiġi stabbilita sistema ta' Garanziji Ekoloġiċi Ewropej f'kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) biex jiġu mobilizzati fondi pubbliċi u privati fir-rigward tal-objettivi ta' sostenibbiltà. Il-pożizzjoni attwali b'saħħitha tan-negozji Ewropej fis-setturi tat-teknoloġija nadifa se jkollha bżonn tiġi appoġġjata fil-konfront tat-tkabbir aggressiv taċ-Ċina f'dan is-settur.

([5]) ĠU C 155, 30.4.2021, p. 20.

9. **Unjoni ta' għarfien**

9.1. Il-KESE jilqa' s-suġġeriment tar-rapport ta' Letta li mal-erba' libertajiet tradizzjonali tal-moviment fis-suq uniku Ewropew tiżdied il-ħames libertà li tiffoka fuq l-għarfien, ir-riċerka u l-innovazzjoni.

9.2. Il-KESE jappoġġja l-azzjonijiet identifikati fir-rapport ta' Draghi fil-qasam tal-iżvilupp tal-ħiliet biex jiġu indirizzati l-isfidi futuri tal-UE. Azzjonijiet bħal dawn huma mfassla biex inaqqsu d-distakk fl-innovazzjoni u jtejbu t-tranżizzjoni mill-invenzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti u s-servizzi. Fost dawn il-proposti validi, insibu (i) l-appoġġ għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, speċjalment fis-settur teknoloġiku u dak diġitali; (ii) it-titjib tal-mobbiltà tal-ħiliet; (iii) is-semplifikazzjoni tal-aċċess għall-finanzjament; (iv) l-istabbiliment ta' sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġu ddefiniti standards ta' ħiliet u programmi ta' taħriġ rilevanti.

9.3. Madankollu, il-KESE jinnota li r-rapport ta' Draghi ma jattribiwixxix valur adegwat lid-djalogu soċjali għall-attivazzjoni tal-investiment u tan-negozjar kollettiv biex jakkumpanjaw it-tranżizzjonijiet ta' akkumpanjament, u lill-importanza ta' taħriġ kontinwu għall-ħaddiema.

10. **Ir-rwol tal-intelliġenza artifiċjali**

10.1. Il-KESE jfakkar fir-rwol u l-importanza tal-intelliġenza artifiċjali (IA) kemm f'termini tal-ambizzjoni li tiġi żviluppata l-ħames libertà ta' moviment ibbażata fuq l-għarfien, l-innovazzjoni u r-riċerka kif ukoll il-ħtieġa aktar ġenerali li tiżdied il-produttività futura tal-ekonomija Ewropea permezz ta' "integrazzjoni vertikali" tal-IA fil-proċessi industrijali.

10.2. L-iżvilupp tal-IA jrid isir f'konformità mad-Dikjarazzjoni Ewropea tad-Drittijiet Diġitali u l-prinċipji għad-Deċennju Diġitali, skont mudell ta' żvilupp li jirrispetta l-pluralità tal-informazzjoni, l-iżvilupp tal-SMEs u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda.

10.3. Minħabba l-potenzjal mifrux tal-IA u t-teknoloġiji emerġenti ġodda, huwa meħtieġ approċċ immirat biex jiġu evitati eżiti negattivi għall-ħaddiema bħala riżultat tal-użu ta' dawn it-teknoloġiji. L-inizjattivi leġiżlattivi għandhom jindirizzaw il-lakuni fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol u jiżguraw li l-bnedmin jibqgħu fil-kontroll fl-interazzjonijiet kollha bejn il-bniedem u l-magni.

11. **Ir-rwol tal-investimenti**

11.1. Il-KESE jinnota li d-diversi azzjonijiet proposti mir-rapporti ta' Draghi u ta' Letta ma jistgħux jinjoraw is-sensiela kbira ta' investimenti, kif enfasizzat fir-rapport ta' Draghi li jindika paralleliżmu bejn l-investimenti meħtieġa fl-Ewropa attwalment u l-Pjan Marshall ta' wara l-gwerra.

11.2. Għalhekk, il-KESE jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej jirriflettu dwar il-possibbiltà li joħorġu assi sikuri komuni, kif kien il-każ matul il-pandemija, bl-użu ta' approċċ ġdid li ma għadux marbut ma' emerġenza speċifika, iżda li huwa mmirat lejn objettivi fit-tul u l-produzzjoni ta' beni pubbliċi Ewropej. F'dan il-kuntest, il-KESE jemmen li trid tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li jiġi stabbilit fond ta' investiment Ewropew komuni ffinanzjat minn diversi strumenti, inkluż il-ħruġ ta' dejn konġunt tal-UE ([6]), b'enfasi fuq proġetti ta' interess Ewropew komuni u b'governanza li tiggarantixxi d-djalogu soċjali.

11.3. Il-KESE jissottolinja li l-infiq fuq l-investiment naqas matul dawn l-aħħar għoxrin sena, u dan wassal għal tnaqqis fl-istokk tal-kapital pubbliku f'ħafna pajjiżi tal-UE. Dan it-tnaqqis tal-kapital pubbliku, flimkien ma' problemi ta' sigurtà, ipoġġi f'riskju l-kwalità u l-għoti ta' servizzi pubbliċi, bir-riskju li jiġi ppenalizzat it-tkabbir ekonomiku u b'hekk anke l-investiment privat possibbli.

11.4. Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jistgħu jiġu adattati fis-sens indikat mir-rapport ta' Letta, billi jiġu adattati għall-ilħuq tal-objettivi strateġiċi bħat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, jew l-iffaċilitar tar-riintegrazzjoni ta' persuni żvantaġġjati fl-impjieg jew l-aċċess għall-kreditu għan-negozji. Fl-istess ħin, għandu jiġi stabbilit malajr fond tal-UE għal investimenti strateġiċi ta' interess Ewropew li jistgħu jgħinu biex isawru l-kompetittività tal-UE u jixprunaw it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali.

([6]) ĠU C, C/2024/3385, 31.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/3385/oj.

11.5. Il-KESE jinnota wkoll li jekk id-diskrepanza fil-kompetittività mal-Istati Uniti u ċ-Ċina jkollha titnaqqas, huwa daqstant meħtieġ li wieħed jinnota li l-mudell Ewropew huwa eċċellenza globali f'termini ta' benesseri, solidarjetà, inklużjoni soċjali, sostenibbiltà u ġestjoni tal-inugwaljanza. Hija u ssir dejjem aktar kompetittiva u produttiva, l-UE għandha tippreżerva u tinnova dan il-wirt ta' solidarjetà u ugwaljanza billi ssaħħaħ ir-rwol tal-ekonomija soċjali.

11.6. Fl-istess ħin, madankollu, għandu jiġi enfasizzat li jekk l-Ewropa ma jirnexxilhiex issir aktar produttiva, se jkollna nagħżlu bejn it-tmexxija teknoloġika, it-tmexxija klimatika u l-indipendenza fix-xena globali, li jagħmilha diffiċli li niffinanzjaw il-mudell soċjali avvanzat tagħna. L-ispiża tat-tranżizzjoni trid tiġi kondiviża b'mod kollettiv, għalhekk il-KESE ppropona l-ħtieġa għal qafas ta' politika ta' tranżizzjoni ġusta ([7]) ([8]).

12. **Unjoni tad-difiża**

12.1. Filwaqt li jfakkar fl-Artikolu 3 tat-TUE, li jiddikjara li "Il-mira tal-Unjoni hija li tippromwovi l-paċi, il-valuri tagħha u l-benessri tal-popli tagħha", il-KESE jemmen li l-UE għandha dejjem u fi kwalunkwe każ tippromovi l-azzjoni diplomatika tagħha stess biex tinstab soluzzjoni paċifika għal kwalunkwe kunflitt li jkun għaddej.

12.2. Il-KESE jinnota li l-invażjoni tal-Ukrajna tirrikjedi l-implimentazzjoni ta' politika ta' difiża Ewropea li ma tistax tiġi separata minn politika barranija komuni. F'dan il-kuntest, iqis li huwa meħtieġ li jiżdied l-investiment anke permezz ta' strumenti ta' finanzjament ġodda li kapaċi jtejbu l-livell ta' żvilupp teknoloġiku fis-settur militari, speċjalment sabiex jiġu protetti l-fruntieri tal-Lvant tal-UE.

12.3. Għalhekk, il-KESE jilqa' t-talbiet fiż-żewġ rapporti għal: (i) aggregazzjoni u koordinazzjoni akbar tad-domanda fil-livell Ewropew biex jiżdiedu l-ekonomiji ta' skala, inkluż permezz ta' akkwist konġunt; (ii) implimentazzjoni immedjata tal-Istrateġija għall-Industrija tad-Difiża Ewropea, u fil-każ ta' Draghi, adozzjoni rapida tal-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea ukoll. Ir-rapport ta' Letta jsemmi wkoll il-ħtieġa ta' approċċ komprensiv għall-infiq fuq id-difiża, waqt li jitqiesu l-inċentivi orjentati lejn is-suq, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali.

13. **Unjoni li kapaċi tipprovdi beni pubbliċi Ewropej**

13.1. Il-KESE jemmen li, bħala riżultat ta' dawn iż-żewġ rapporti, għandha titnieda riflessjoni dwar il-beni pubbliċi Ewropej sabiex jiġu indentifikati l-prijoritajiet ewlenin għall-futur tal-UE. Peress li l-provvista ta' dawn il-beni hija marbuta ma' fatturi ekonomiċi, istituzzjonali u politiċi, ir-rwol attiv tal-istituzzjonijiet Ewropej jista' jżid il-valur f'forma ta' ekonomiji ta' skala u esternalitajiet pożittivi, li jikkomplementaw il-pluralità tal-approċċi nazzjonali

13.2. Għalhekk, il-KESE jqis li huwa importanti li jiġi żgurat investiment xieraq fid-difiża, u huwa daqstant importanti li jiġu promossi, fost oħrajn, l-investmenti fi: (i) il-forniment ta' infrastruttura diġitali u tal-enerġija transfruntiera; (ii) l-iżvilupp ta' pjattaformi għall-akkwist u l-iskambju ta' ħiliet; (iii) it-tnedija ta' programmi konġunti ta' xiri ta' materja prima kritika; (iv) il-forniment konġunt ta' vaċċini u apparati tas-saħħa (v) l-istabbiliment ta' programmi ta' edukazzjoni u ta' żvilupp professjonali permanenti (vi); l-implimentazzjoni ta' servizzi tal-kura tas-saħħa; vii) it-tisħiħ tal-akkomodazzjoni soċjali.

13.3. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2028-2034 li jmiss se jkollu jkun immirat lejn il-prijoritajiet ta' politika enfasizzati kemm fiż-żewġ rapporti kif ukoll fl-investimenti relatati fil-beni pubbliċi Ewropej imsemmija fil-paragrafu preċedenti. Għal din ir-raġuni, il-KESE jittama li l-pakketti kwantitattivi tal-QFP li jmiss jippermettu lill-UE tissodisfa l-prijoritajiet strateġiċi tagħha fl-oqsma tal-ambjent, l-innovazzjoni teknoloġika, l-awtonomija strateġika miftuħa u l-progress soċjali u tindirizza b'mod adegwat l-isfidi globali.

13.4. Il-KESE jesprimi dispjaċir li l-istrument STEP (Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa) introdott fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP 2021-2027 huwa żgħir wisq meta mqabbel ma' inizjattivi simili f'pajjiżi oħra.

([7]) ĠU C, C/2024/1576, 5.3.2024, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2024/1576/oj.
([8]) ĠU C, C/2025/772, 11.2.2025, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2025/772/oj.

13.5. Il-KESE jemmen ukoll li — minħabba l-effetti pożittivi tal-kriżi tal-COVID-19 — għandha tiġi vvalutata l-possibbiltà ta' riprogrammazzjoni ta' SURE ġdid ([9]) b'mod li jkun jista' jakkumpanja t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, tranżizzjoni doppja sostenibbli u ġusta, u li jindirizza kwalunkwe xokk kontinġenti ([10]) ([11]).

13.6. Il-KESE jittama li l-qafas finanzjarju li jmiss jinkludi strument ta' investiment strateġiku għall-kompetittività Ewropea, li jikkomplementa l-koeżjoni soċjali, u li jgħaqqad il-loġika tal-investiment, b'mod partikolari fl-oqsma tal-kompetittività teknoloġika u t-trasformazzjoni industrijali, mal-prospettiva u l-loġika tar-ridistribuzzjoni.

13.7. Il-"qafas il-ġdid għall-koordinazzjoni tal-kompetittività" mistenni — propost fir-rapport ta' Draghi, li jipproponi li l-politiki ekonomiċi rilevanti kollha jintrabtu mal-prijoritajiet strateġiċi maqbula mill-Kunsill Ewropew, għandu jiġi kkoordinat mad-dixxiplina baġitarja u l-qafas il-ġdid ta' konverġenza soċjali, permezz tal-proċeduri tas-Semestru Ewropew.

13.8. Is-Semestru Ewropew jista' jkollu rwol ewlieni fit-trawwim tal-kompetittività, il-produttività, is-sostenibbiltà u l-ġustizzja soċjali, dment li dawn il-fatturi jkollhom dinjità ugwali fil-qafas ta' referenza l-ġdid. L-iżvilupp tal-istrument il-ġdid għall-koordinazzjoni tal-kompetittività, flimkien mal-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, għandu l-għan li jappoġġja t-tkabbir ekonomiku billi jikkoordina l-objettivi u l-prijoritajiet tal-UE u dawk nazzjonali.

13.9. Il-KESE jixtieq ifakkar ukoll fir-rabta bejn is-Semestru Ewropew u l-Qafas ta' Konverġenza Soċjali l-ġdid, li huwa għodda utli għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tal-investimenti tal-Istati Membri biex jilħqu l-objettivi tal-Pilastru Soċjali.

14. **L-importanza tal-koeżjoni soċjali u territorjali**

14.1. Huwa kruċjali li jinżamm rwol ċentrali għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Il-KESE jirrimarka li r-rapporti ta' Letta u ta' Draghi — filwaqt li juru rabta mill-qrib bejn is-suq intern u l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali (l-ewwel) u bejn il-kompetittività tal-UE u l-mudell soċjali Ewropew (it-tieni) — għandhom it-tendenza li jippreżentaw differenzi analitiċi sostanzjali u, konsegwentement, proposti konkreti differenti fir-rigward tat-tema wiesgħa tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

14.2. Il-politika ta' koeżjoni għandha rwol ċentrali fir-rapport ta' Letta peress li tagħmilha possibbli li jiġi żgurat li l-benefiċċji tas-suq intern jitqassmu bis-sħiħ fost iċ-ċittadini u t-territorji kollha tal-UE (l-hekk imsejħa libertà li tibqa' f'postijiet fejn għażilt li tgħix). Huwa f'dan il-kuntest li, b'mod partikolari, l-importanza tas-servizzi ta' interess ġenerali (ara l-Artikolu 14 tat-TFUE u l-Protokoll 26 tat-TUE) hija definita bħala li taħdem direttament biex tiżgura l-libertà li wieħed jibqa' fil-postijiet fejn ikun għażel li jgħix. Letta, b'mod partikolari, jidentifika fis-Semestru Ewropew l-ambjent ta' politika adatt biex jiġu żgurati rekwiżiti ta' koeżjoni adegwati, u b'hekk tiġi bbilanċjata mill-ġdid is-sorveljanza fiskali u makroekonomika multilaterali skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

14.3. Għalhekk, il-KESE jemmen li huwa l-kompitu tas-Semestru Ewropew li jidentifika standards minimi komuni u li jneħħi l-ostakli li għad hemm għall-inklużjoni tal-gruppi tal-popolazzjoni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni u f'żoni ġeografiċi l-aktar vulnerabbli għal tranżizzjonijiet ekonomiċi biex jiġi żgurat livell adegwat ta' koeżjoni.

14.4. Il-KESE jinnota li r-rapport ta' Draghi, filwaqt li jenfasizza r-rabta li teżisti bejn il-kompetittività u l-mudell soċjali Ewropew, jidher li jqajjem dubji dwar ir-rwol strateġiku tal-politika ta' koeżjoni fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali (2021-2027). Jista' wkoll jissottovaluta l-effetti fuq il-kompetittività tal-UE li jirriżultaw mill-investiment fl-infrastruttura soċjali, tanġibbli u intanġibbli, li jappoġġjaw il-politiki soċjali, dawk ridistribuттivi u tax-xogħol

([9]) L-Istrument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza.
([10]) Riżoluzzjoni tal-KESE dwar *Infasslu l-progress demokratiku tal-UE: riżoluzzjoni għall-mandat leġiżlattiv li jmiss*.
([11]) ĠU C 517, 22.12.2021, p. 16.

14.5. Il-KESE jitlob ukoll li titqies id-dimensjoni territorjali tal-kompetittività, li sfortunatament iż-żewġ rapporti ma jiffukawx fuqha, iżda hija deskritta tajjeb fl-Indiċi tal-Kompetittività Reġjonali tal-UE 2.0 ([12]). Fil-fatt, huwa maħsub li l-kompetittività tal-UE għandha tiġi analizzata wkoll fil-livell territorjali sabiex ikunu jistgħu jiġu segwiti ħafna mill-istess proposti li jinsabu fir-rapporti ta' Draghi u ta' Letta.

14.6. Il-KESE jixtieq jissottolinja r-riskju ta' strateġija għall-kompetittività indifferenti għall-inugwaljanzi. Approċċ bħal dan iżid id-diskrepanzi bejn iż-żoni rurali, il-gżejjer u ż-żoni interni, li huma f'riskju ta' depopolazzjoni, u ż-żoni urbani, kif ukoll bejn żoni differenti tas-suq intern.

14.7. Fl-aħħar nett, il-KESE jittama li l-aġenda leġiżlattiva tal-Kummissjoni tkun tista' taġġusta l-viżjonijiet differenti taż-żewġ rapporti dwar il-koeżjoni, sabiex isir l-irfinar meħtieġ bejn il-politiki tal-kompetittività, minn naħa, u l-politiki ta' sostenibbiltà ekonomika, soċjali, territorjali u ambjentali, min-naħa l-oħra. Il-kompetittività, fil-fatt, ma tistax teżisti mingħajr il-koeżjoni soċjali u s-solidarjetà, peress li l-iżvilupp armonjuż tat-territorji huwa essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq uniku, kif ukoll għat-tkabbir futur tiegħu.

Brussell, is-26 ta' Frar 2025.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Oliver RÖPKE

([12]) Dijkstra, L., Papadimitriou, E., Cabeza Martinez, B., de Dominicis, L., Kovacic, M., 2023, *EU Regional Competitiveness Index — 2022 Edition, European Commission Working Papers*, WP01/2023.